DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-27 ta'Frar 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-Programmi tal-Komunità MEDIA Plus u MEDIA Taħriġ, u Att finali

(2006/234/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 150(4) u 157(3), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1]

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità Ewropea, ftehim biex tippermetti lill-Konfederazzjoni Svizzera tipparteċipa fil-Programmi tal-Komunità MEDIA Plus u MEDIA Taħriġ, u Att finali.

(2) Il-Ftehim u l-Att Finali ġew iffirmati f'isem il-Komunità fis-26 ta' Ottubru 2004, suġġett għal konklużjoni f'data aktar tard.

(3) Dan il-Ftehim u l-Att Finali għandhom jiġu approvati mill-Komunita',

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-Programmi tal-Komunità MEDIA Plus u MEDIA Taħriġ, u l-Att Finali, huma hawnekk approvati f'isem il-Komunità.

It-testi tal-Ftehim u ta' l-Att Finali huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tirrapreżenta l-Komunità fil-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifiki previsti fl-Artikolu 13 tal-Ftehim f'isem il-Komunità [2].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 27 ta'Frar 2006

Għall-Kunsill

Il-President

U. PLASSNIK

[1] għada mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim sejra tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.